MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Talba Numru. 435/2007

**Niagara Limited (C 31714)**

**vs**

**John Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn mitejn u tnax-il Ewro u disghin centezmu (€2212.90) ekwivalenti ghal Lm950 rapprezentanti danni kkomportati mill-fatt li x-xoghol maghmul mill-konvenut ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta` l-avviz kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-6 ta' Marzu, 2008 mill-Avukat Kris Borg u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------